**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 32**

**IL-HAMIS 20 TA' FRAR 2014 FIL-5.15PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER – 6.05PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud ma setax jkun prezenti minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJOI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.31 ġew approvati hekk kif emendati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier M. Fava rrefera għas-sistema ta' 2 way li kellha tiġi mplimentata fi Triq il-Miġbed. Il-Kunsillier A. Curmi nforma li huwa personalment m'huwiex favur din is-sistema peress li minħabba fiha se jintilef spazju għall-parkeġġ. Din is-sistema se ssir bi prova ghal xahar. Il-Kunsillier M. Fava ssostna li jekk din is-sistema ssir b' mod professjonali, mhu se jintilef l-ebda spazju għall-parkeġġ. Wara diskuzzjoni fid-dettall, il-Kunsill ideċieda li it-triq inkwistjoni ssir two-way mill-aktar fis pero' ma jrid jonqos l-ebda spazju. Il-Kunsillier M. Fava ssuġerixxa wkoll li issir mera sabiex min jkun ġej minn Triq il-Ħemel, jkun jista' jara t-traffiku tiela' minn Triq il-Miġbed. Il-Kunsill talab sabiex jsiru s-sinjali u t-tabelli meħtieġa kif ukoll jiġu nfurmati mmedjatament ir-residenti ta' din l-istess triq.

Is-Sindku ppropona li issir sosspezzjoni tal-laqgħa sabiex jiġu diskussi u approvati l-Financial Statements għas-sena 2013, Budget u l-Business Plan għas-sena 2014.. Il-ħin kien 5.45pm. Il-Vici Sindku ssekonda.

## III APPROVAZZJONI TAL –FINANCIAL STATEMENTS U L-BUDGET

1. L-Accountant tal-Kunsill ppreżenta l-Financial Statements għas-sena 2013 u spjega fid-dettal kull fond li ntefaq f'dan il-perjodu u kif imqabbel mas-sena preċidenti (variations). Huwa spejga wkoll l-estima finanzjarji għas-sena 2014.

   Il-laqgħa reġgħet bdiet. Il-ħin kien 6.15pm.

   Wara li l-Kunsillier A. Curmi rrakomanda li għadhom issiru xi aġġustamenti u noti, il-Kunsill unanimament approva dawn il-Financial Stataments. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

   Ġew approvati wkoll l-estimi finanzjajri għas-sena 2014, pero' l-Viċi Sindku rrakomonda li dwar l-estimi għandha ssir laqgħa apposta ma' l-accountant tal-Kunsill sabiex issiru xi aġġustamenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu. Dan ir-rapport jinkludi l-laqgħat li s-Sindku kellu ma' diversi Ministri u Segretarji Parlamentari. Dan ir-rapport se jkun mehmuż ma' dawn il-Minuti – App. A.

2. Is-Sindku spjega dwar il-bexx li qed jintuża mill- Kuntrattur tal-knis u qtugħ ta' ħaxix, hu kellu wkoll laqgħa ma' persuna li trabbi naħal li dan insista li l-bexx li qed jintuża qed jagħmel ħsara lill-ambjent kif ukoll joqtol lin-naħal. Huwa staqsa biex il-Kuntrattur jiġi mitlub jipprovdi dokumenti ta' x'bexx qed jintuża kif ukoll ċertifikat li dan ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u laqas lill-annimali li jiffrekwentaw żona ta' fejn issir il-bexx.

3. Rigward l-maratona li ser tiġi organizzata minn Pembroke Athleta, huwa nforma li hu personali se jagħti donazzjoni ta' trophies lir-rebbieħa. Huwa ssuġerixxa li minħabba sigurta' meta l-atleti jgaħddu mit-toroq tal-lokalita' għandhom jiġu ordnati 4 wardens għal ftit siegħat sakemm l-atleti kollha joħorġu mis-Swieqi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Is-Sindku rrefera għal kuntratt ta' kisi bit-tarmak tat-toroq tal-Madliena u għall-arbitraġġ dwar il-ħsarat li xi residenti qed jallegaw li saru fil-propjeta' tagħhom, huwa ssuġerixxa li jkun jaqbel jekk il-Kunsill jieħu parir legali mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma' l-Avukat sabiex issir appuntament.

5. Huwa nforma li wara li kien iltaqa' ma' uffiċċjali mid-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali, persuni teknċi minn naħa tal-MITA għandhom jiġu jinstallaw l-programmi neċċessarji sabiex is-servizz soċjali jibda' jingħata mil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa ġa kellu kuntatti mal-MITA u dawn nfurmawh li x-xogħlijiet li fadal jsiru qegħdin fuq programm u li se jsiru mill-aktar fis possibli.

6. Is-Sindku staqsa jekk saru xi żvillupi dwar il-konferenza dwar l-abbuz ta' drogi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu flimkien mal-Kunsillier M. Fava marru għal-laqgha li saret ma' rappreżentant tal-Caritas fejn dan wera bi ċar li kien interressat ħafna. Il-Kunsillier M. Fava nforma li fil-jiem li ġejjin huwa se jħejji proposti ġodda u jiġu ppreżenti fis-Seduta li jmiss u anke jintbagħtu lill-Caritas.

7. Huwa ppreżenta petizjoni li għamlu r-residenti kontra żvillup li huwa pjanat li jsir fi Triq il-Ħemel. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jibgħat din il-petizzjoni lill-MEPA sal-Ġimgħa 28 ta' Frar 2014 peress li dik hija l-aħħar ġurnata biex jiġu ppreżentati l-oġġezzjonijiet rigward dan l-iżvillup.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli**

8. Rigward l-ammont ta' applikazzjonijiet ġodda ta' żvillup fil-lokalita', is-Sindku ssuġerixxa li jiġu rrakomandati 3 periti sabiex volontarjament dawn jevelwaw sewwa kull applikazzjoni li nirċievu. Huwa ssuġerixxa dawn it-3 periti: il-Perit Rossignaud, il-Perit Valentino u l-Perit Spiteri. Is- Sindku nforma li huwa ġa għamel kuntatt mal-Perit Rossingaud u dan wera interess li jkun parti minn dan it-team.

9. Is- Sindku rrefera għall-iżvillup tal-ħanut minn class 4 għall class 6 fi Triq is-Swieqi (Activision). Huwa ssostna li mill-aktar fis għandha tintbagħat l-oġezzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jipprepara l-ittra uffiċċjali rigward din il-materja sabiex tintbagħat lill-MEPA.

10. Rigward il-kampanja Swieqi To Go Green, is-Sindku nforma li l-Kunsillier M. Abela se tkompli tmexxi din il-kampanja.

11. Huwa staqsa jekk hemm xi żvillupi rigward Triq l-Inġinier. Is- Segretarju Eżekuttuiv nforma li qed jistenna appuntament għal-laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-WSC dwar din il-materja. Huwa nforma li din il-laqgħa għalissa ma tistax issir peress li l-Inġinier Robert Schembri jinsab msiefer.

12. Is-Sindku nforma li diversi residenti qed jilmentaw li 'ċertu partijiet m'hemmx doggy bins u għaldaqstant isuġerixxa sabiex mill-aktar fis jinxtraw iktar bins ħalli jiġu nstallati fit-toroq msemmija. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn il-bins għolew fil-prezz minn l-aħħar ordni li saret u għalhekk huwa ser jistaqsi għall-kwotazzjonijiet.

13. Huwa staqsa sabiex issiru t-*traffic signs* li anke jinkludi *parking bays* fi Triq il-Qasam. Dwar din it-triq, il-Kunsillier M. Fava rrimarka li kellu lmenti minn xi residenti li din it-triq ma saritx kif titlob is-sengħa peress li jidher li mihiex illivellata. Is- Sindku ħa l-inkarigu li jiddiskuti din il-materja mal-Perit tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## V APPROVAZZJONI TA PAGAMENTI U XIRI IEHOR

1. Giet pprezentata l-iskeda ta' pagamenti nru.70 li ntbaghtet li kull kunsillier permezz ta' *email* minn qabel. Wara li saru xi aggustamenti skond l-*email* tal-Kunsillier A. Curmi ( App.B). Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier M.Fava ssekonda. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jigu approvati.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar qbil li titkompla nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2014.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**